# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 117/2021

**Il-Pulizja**

**Spettur Frankie Sammut**

**Vs**

**Yunus Yusif**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Yunus Yusif detentur tal-passaport Ganiz Passaport numru G2562805, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 t'April 2021 u / jew fil-granet ta' qabel f'Malta:

Ghin jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'Malta, jew toqghod gewwa Malta jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew ghax tahseb, li tkun

qieghda f'Malta kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att (Kap 217, Sec 32 (1a) tal-Ligijiet ta' Malta).

Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew document, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1) (f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Yunus Yusif,ipprezentant fir-registru ta' din il-Qorti tat-28 t'April 2021, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata, b'dan li filwaqt li **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-esponenti hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni; **tirrevokaha** fil-parti fejn sabet lill-appellanti hati tat-**tielet** imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-esponenti mhux hati ta' dik it-tielet imputazzjoni; u rigwardanti l-

**piena**, u minghajr pregudizzju ghall-aggravju dwar il-mertu fil-konfront tat-tielet imputazzjoni, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar miti, ekwa u gusta skond il-kaz.

Semghet lill-partijiet fis-sottomisjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti processwali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw sejba ta' dokumenti tal-ivjaggar falsifikati fuq il-persuna tal-imputat filwaqt li kien qed jittanta jitlaq minn Malta mill-ajruport. Mressaq quddiem l-ewwel Qorti, l-imputat rregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Fl-appell minnu propost, izda, l-appellant jillanja li minkejja ammissjoni, qatt ma messu instab hati ta' wahda mill-imputazzjonijiet u b'mod subordinat li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija tali li ghandha tinbidel jekk jintlaqa' l-ewwel aggravju u anke jekk le hija wahda esagerata;

2. Illi fl-ewwel gravam tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi minkejja li rregistra ammissjoni, qatt ma seta' jinstab hati tat-tielet imputazzjoni u dan ghaliex la darba l-imputazzjoni tirraviza falsifikazzjoni ta' dokument pubbliku qatt ma setghet tinkwadra htija fl-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Illi ghal esposizzjoni aktar cara tal-kwistjoni in disamina, jinghad qabel xejn illi l-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mixli bil-fatti kif elenkati fil-parti introduttorja ta' din is-sentenza. L-imputat irregistra ammissjoni wara li nqraw l-imputazzjonijiet bil-gurament u wara li l-prosekuzzjoni esebiet stqarrija tal-imputat, dikjarazzjoni ta' jedd ta' parir legali [qabel l-interrogazzjoni], kopja tal-karta tal-identita u tal-passaport tal-imputat, Permesso di soggiorno Taljan, email, ricevuta mahruga minn DHL u permess ta' residenza Franciza. L-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu u wara li kien mistoqsi jekk kellux zmien sufficjenti sabiex jaghmel dan, jekk fehemx l-imputazzjonijiet u jekk fehemx l-piena ghall-kull wahda minnhom. Huwa wiegeb fl-affermattiv ghall-kull mistoqsija u matul dan il-process kien assistit minn avukat tal-ghajnuna legali u munit bl-assitenza ta' interpretu fl-ilsien li jifhem;

4. Illi f'dawn il-proceduri ma xehed hadd aktar dwar il-fatti imputati u dak li din il-Qorti tista' taghmel referenza ghalih huwa dak emergenti mid-dokumenti esebiti;

5. Issa l-imputazzjoni numru tlieta tirraviza dak kontemplat fl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> **Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-**

**piena ta' prigunerija ghal-zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu, il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena.**

It-titolu li minnu jaghmel dan l-artikolu huwa it-Titolu V denominat: Fuq id-Delitti Kontra l-Fiducja Pubblika. L-ewwel sub-titolu intestat: Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Karta, Ta' Timbri U Ta' Sigilli, u filwaqt illi l-ewwel artikolu, dak numru 166, jipprovdi dwar falsifikazzjoni ta' obbligazzjoni ta' self lill-Gvern, l-artikoli l-ohra jitrattaw falsifikazzjoni ta' cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra li meta jkunu prezentati "wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor". L-istess delitt jirrizulta fil-falsifikazzjoni ta' "partita fil-kotba ta' dak l-ufficcju" (art 167). L-artikolu 168 imbaghad jirraviza l-aggravju meta d-delitt ikun kommess minn ufficcjal jew impjegat pubbliku. L-uzu xjenti ta' dawn id-dokumenti imbaghad huwa punit bis-sahha tal-artikolu 169;

Illi sa issa, l-artikoli ezaminati ghandhom bhala suggett il-falsifikazzjoni ta' dokumenti li jistghu jissarfu fi flus u l-artikolu 170 imbaghad jipprovdi ghad-delitt ta' falsifikazzjoni ta' xi "att li jkun fih ordni jew decizjoni tal-Gvern ta' Malta, decizjoni, digriet jew ordni ta' xi qorti, imhallef, magistrat jew ufficjal pubbliku u l-istess artikolu jipprovdi dwar l-uzu ta' tali u l-aggravju f'kaz li kommess minn ufficcjal pubbliku. Il-falsifikazzjoni tas-Sigill Pubbliku ta' Malta u sigilli, timbri jew marki ohra mahsuba biex jawtentikaw jew jiccertifikaw f'isem il-Gvern jew l-awtoritajiet tieghu huma regolati bl-artikoli li jmiss, igifieri dawk numru 171

u 172. Dawk numri 173 sa 178 imbaghad jitrattaw dwar frankobolli tal-posta u karta li tinhareg jew tinhadem mill-Gvern ta' Malta;

Is-sub-titolu II, intestat Fuq il-Falsifikazzjoni ta' Skritturi Ohra Pubblici Jew Privati jipotizzaw d-delitt ta' falsifikazzjoni b'firem foloz jew tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem u atti simili minn ufficcjal jew impjegat pubbliku u dan mill-artikoli 179 sa 182. Imiss imbaghad l-artikolu 183 sa 188 li jipprovdu dwar falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat kif ukoll ta' skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utili. L-artikolu 188 jipprovdi ghal kull min jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew jaghti tgharif falz f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika bil-ghan li jikseb xi vantagg jew beneficcju.

L-artikoli 188A sa 188H fis-Sub-titolu III kienu introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XLIX tal-2016 u jipotizzaw d-delitt ta' falsifikazzjoni ta' flus fil-varji forom tieghu. L-artikolu 188I introdott bl-Att IX.2021 jipprovdi ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti. U b'hekk jigi fi tmiemu dan it-titolu bl-artikolu 189, 189A u 190 bl-artikolu 189 gia riprodott fil-bidu ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-artikolu 189A jipprovdi ghat-tifsiriet u 190 dwar l-interdizzjoni meta r-reat kommess minn ufficjali pubblici. Issa, il-falsifikazzjoni li ghaliha ammetta l-imputat appellant, igifieri fil-Permesso di Soggiorno misjuba fil-pussess tieghu, ma taqa' fl-ebda wahda mill-atti msemmija fl-artikoli mghoddija in rassenja. Mela meta, l-artikolu 189 jghid "kull min jaghmel falsifikazzjoi ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux

imsemmiija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu" jkun qed jinkludi kull dokument iehor ta' liema xorta jkun;

Harsa lejn l-istqarrija tal-imputat minnu rilaxxjata volontarjament wara li nghata ittra tad-drittijiet tieghu li jkun assistit u wara li rrinunzja ghal-tali assistenza, ammetta li l-permess ta' residenza Franciza instab fuq il-persuna tieghu u li kien akkwistah mit-Turkija minn persuna li ltaqa' maghha fuq Facebook, liema dokument intbaghat lilu bid-DHL u li ghalih hallas mitejn euro. Qed issir referenza ghad-dokument mmarkat FS8 li huwa fil-forma laminata bhala *credit card* jew licenzja tas-sewqan u karta tal-identita' Maltija imsemmija Titre De Sejour allegatament mahruga f'isem l-appellant u li ghalhekk tintitolah li jirrisjedi fi Franza, *SALARIE ZONE TOUTE AL FRANCE METROPOLITAINE* b'sensiela ta' numru ta' identifikazzjoni u firma tat-titolari taghha;

L-ewwel aggravju tal-appellant, ghalkemm fil-korp tieghu jattakka l-interpretazzjoni tal-artikolu 189, jigbed mieghu kwistjoni ohra, dik li l-imputat ammetta ghal din l-imputazzjoni u issa qieghed jikkontesta dik l-ammissjoni anke jekk limitatament ghat-tielet imputazzjoni , igifieri dik in disamina. Huwa jiccita s-sentenza Il-Pulizija vs Martin J Camilleri ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 1995 li taghmel referenza ghas-sentenza ukoll ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Geroge Cassar Desain tas-27 t'Ottubru, 1962 li fiha kien ritenut li fuq ammissjoni l-Qorti ghandha tghaddi biex tipprolata s-sentenza taghha sakemm ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah ossia ssibu hati ta' reat;

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jezistu l-ebda wahda minn dawn l-estremi. Din il-Qorti kif preseduta kellha ukoll l-opportunita' li tindirizza l-kwistjoni ta' ammissjoni zbaljata. Ara per ezemplari Il-Pulizia vs Jesmond Pulis deciza 18 ta' Lulju, 2017. U fejn din il-Qorti ssib li ammissjoni hija wahda zbaljata, sfurzata jew alrimenti vizjata, tghaddi biex tiddikjara hekk minghajr tlaqliq. Fil-kwistjoni odjerna, izda , l-appellant ammetta li kien fil-pussess ta' dokument falsifikat u la darba dokument ta' dik ix-xorta mhu mkien msemmi fid-disposizzjoniijiet ta' qabel tat-titolu in kwistjoni, japplika allura l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk seta' jinstab hati ukoll ta' ksur ta' dan l-artikolu;

Fost sentenzi msemmija mill-appellant in sostenn tal-argument tieghu hemm dik li titratta dwar ammissjoni ta' reat meta dan ma setghax sehh fil-hin indikat fic-citazzjoni. Dan ma hu ta' ebda soljev ghall-appellant ghaliex ma ghandha l-ebda somiljanza mal-kwistjoni odjerna. Il-kwistjoni hawn hija wahda, igifieri, jekk l-ammissjoni ta' falsifikazzjoni jew uzu ta' dokument falsifikat setghax jingieb bhala imputazzjoni jew le kontra l-appellant li kien fil-pussess ta' permess ta' soggorn li juri li hu mahrug mill-awtoritajiet Francizi li izda huwa falz. U ir-risposta hija fl-affermattiv. Hija diversa l-kwistjoni fejn imputat per ezempju jammetti ghar-reat ta' serq u fl-istess waqt ghal dak ta' ricettazzjoni (<u>tal-istess oggett</u>). Il-kwistjoni hi jekk l-azzjoni tal-imputat tirrentrax jew le f'dak ipotizzat fl-artikolu 189 u kif gia inghad, ir-risposta hija iva;

Illi ghalhekk l-ewwel aggravju qed ikun michud;

Illi fit-tieni gravam tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi la darba ma kellux jinstab hati tat-tielet imputazzjoni, u f'kaz li dak

l-aggravju jkun milqugh, allura ghandu jkun hemm temperament fil-piena. La darba dak l-aggravju ma kienx milqugh, din l-ewwel parti tat-tieni aggravju qed tkun ukoll michuda bhala konsegwenza;

Illi fit-tieni parti tat-tieni aggravju l-appellant jallega li l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda esagerata. Il-Qorti kienet akkordat lill-imputat li jipprezenta nota ta' referenzi in sostenn tal-argument tieghu wara li kien ghamel referenza vasta ghall-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Ezaminati s-sentenzi kollha akkluzi f'din ir-rassenja ma hemm xejn li ghandu jikkonvinci lil din il-Qorti li tmur 'l hinn minn dak palezament akkolt fil-gurisprudenza igifieri li bhala Qorti ta' revizjoni ma tissostitwix id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-kominazzjoni tal-piena jekk mhux ghal-ragunijiet serji fosthom li l-piena hekk erogata kienet barra mill-parametri provduta fil-ligi. Mill-komputazzjoniijiet maghmula minn din il-Qorti, l-piena hekk erogata hija wahda li setghet tinghata mill-ewwel Qorti;

Illi tajjeb li jinzamm fil-mira illi kontra ghall kull sentenza citata mill-appellant fin-nota tieghu, fl-ebda wahda minnhom ma kien hemm l-imputazzjoni li fil-kaz odjern hija l-ewwel wahda minn erbgha li ghaliha ammetta. L-appellant kien imputat, *inter alia*, li ghin jew assista lil xi persuna tinzel l-art f'Malta bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat. U dan ammettieh ukoll fl-istqarrija tieghu: *Q: Sir we found some messages in your mobile phone and payments to third parties related to trafficking of persons. A: I was helping them but not getting paid for them.* Tenut il-gravita' tas-sitwazzjoni konsistenti fi pregudizzju ghas-sigurta' tal-pajjiz fiz-zamma tal-borduri tieghu u fil-hsara enormi subita fid-delitt ta' traffikar ta' persuni u/jew

kutrabandu ta' persuni, l-Qorti ma tara xejn esagerat fil-piena kominata;

Ghal dawn il-motivi, dan l-aggravju qed ikun michud u ghalhekk stante li l-aggravi l-ohra huma michuda, l-appell qed ikun respint.